# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

Isem: ___________________ Klassi: _________________

**Taqsima A** (10 x 2 marki = 20 marka)

Wieġeb:

1. X'kienet il-firda bejn il-Lhud u s-Samaritani?

______________________________________________________________

2. Għid għaliex il-pubblikani ma kinux aċċettati minn ħuthom il-Lhud.

______________________________________________________________

3. X'tagħlima ried jagħtina Ġesù bil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb?

______________________________________________________________

4. Min kiteb il-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli?

______________________________________________________________

5. Liema hi dik il-ġrajja importanti għalina l-Maltin li hi miktuba fil-ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli?

______________________________________________________________

6. X'kien ix-xogħol tad-Djakni fl-ewwel żminijiet tal-Knisja?

______________________________________________________________

7. X'inhu x-xogħol tal-*Caritas Malta*?

______________________________________________________________

8. X'inhi Enċiklika?

______________________________________________________________

9. X'inhi Ittra Pastorali?

______________________________________________________________

10. X'inhu Konċilju Ekumeniku?

______________________________________________________________

**Taqsima B** (10 x 2 marki = 20 marka)

Il-Quddiesa

1. F'liema talba fil-bidu tal-Quddiesa aħna nitolbu maħfra lil Alla għal ħtijietna?

___

2. B'liema talba fil-bidu tal-Quddiesa nagħtu tifħir lil Alla?

___

3. X'insejħulhom it-Talbiet li nagħmlu lil Alla għall-ħtiġijiet tagħna?

___

4. X'ifissru l-ħobż u l-inbid li noffru waqt il-purċissjoni ta' l-Offerti?

___

5. (a) Liema hu l-mument l-iżjed għażiż tal-Quddiesa?

   ___

   (b) X'miraklu jsir f'dan il-mument?

   ___

6. B'liema talba aħna nuru l-għaqda tagħna bħala familja waħda u wlied ta' l-istess Missier?

___

7. F'liema parti tal-Quddiesa aħna ningħaqdu b'mod speċjali ma' Ġesù?

___

8. B'liema kliem is-saċerdot jispiċċa l-Quddiesa?

___

9. Għaliex il-kant huwa importanti waqt il-Quddiesa?

___

**Taqsima Ċ** (4 x 4 marki = 16-il marka)

Għid x'messaġġ ried jagħti Ġesù b'dawn is-sentenzi:

1. "Missier aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." (Lq. 23:24)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. "Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtni, kont bil-għatx u sqejtni." (Mt. 25; 35:36)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

3. "Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin." (Ġw. 13:34)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

4. "U ara, jien magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien." (Mt. 28:30)

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

**Taqsima D** (24 marka)

Aqra din is-silta u wieġeb:

'Il-Miġja ta' l-Ispirtu s-Santu'

Meta wasal Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma' l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.

1. X'insejħulha l-ġrajja ta' meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-Appostli?

______________________________________________________________
(2 marki)

2. Kif wera ruħu l-Ispirtu s-Santu? (Semmi żewġ affarijiet)

______________________________________________________________
(4 marki)

3. X'bidla ġab l-Ispirtu s-Santu fuq dawk li rċevewh?

______________________________________________________________
(2 marki)

4. Din il-ġrajja seħħet qabel jew wara li Ġesù tela' s-sema?

______________________________________________________________
(2 marki)

5. X'ġara meta l-Appostli bdew jitkellmu b'ilsna oħra?

______________________________________________________________
(4 marki)

6. Għid meta int irċevejt l-Ispirtu s-Santu l-ewwel darba?

______________________________________________________________
(2 marki)

7. F'din il-ġrajja l-Ispirtu s-Santu ġab ftehim u għaqda bejn in-nies ta' nazzjonijiet differenti. Għid f'mhux inqas minn 30 kelma kif, bl-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu li hemm fik, int tista' ġġib ftehim u għaqda ma' ta' madwarek.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________
(8 marki)

**Taqsima E** (2 x 10 marki = 20 marka)

Ikteb, fuq karta separata, mhux inqas minn 40 kelma għal kull każ, dwar x'għamlu għal min hu fil-bżonn dawn iż-żewġ persunaġġi:

1. Mons. Mikiel Azzopardi

2. Madre Tereża